**4 ta' Novembru, 1963.**

**Imħallfin:**

**Onor. T. Gouder, LL.D., af President.**
**Onor. A.V. Camilleri, B.Litt., LL.D.**
**Onor. J. Flores, B.L.Can., LL.D.**

Giuseppe Gatt

*versus*

Carmelo Mifsud

**Valur Inċert jew Indeterminat — Kompetenza.**

*Il-valur ta' l-oġġett fil-kawża hu determinat mit-talba, u l-valur inċert, jew indeterminat jitqies dejjem li jaqbeż il-kompetenza tal-Qorti ta' ġurisdizzjoni limitata.*

*Mhux leċitu għall-attur li bi skuża ta' valur indeterminat jagħmel kawża quddiem Qorti Superjuri, bi ħsara tal-konvenut riferibilment għall-ispejjeż, meta l-attur ikun jaf li dak il-valur ma seta qatt jaqbeż il-kompetenza ta' ġurisdizzjoni limitata.*

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maesta Tagħha r-Reġina li bih l-attur — wara li ppremetta illi l-konvenut, kontra l-kunsens u għall-insaputa tiegħu, qabbad tifel biex jidħol fil-fond tiegħu stess u ġiegħelu jqaċċat parti rilevanti tas-siġra tat-tin, b'mod li ddanneġġjaha rrimedjabilment u fl-istess ħin li l-istess tifel kien jinsab ġol-fond tiegħu ġiet asportata banketta tiegħu — talab illi, wara li jingħataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha meħtieġa, il-konvenut: (1) ikun dikjarat responsabbli tal-ħsara kaġonata fl-imsemmija siġra u tal-asportazzjoni tal-imsemmija banketta, u (2) ikun kundannat

iħallas lilu, in linea ta' danni, somma ta' flus li tiġi stabilita minn dina l-Qorti permezz ta' perit li jiġi għal dana l-fini nominat, (3) ikun kundannat jirrestitwilu l-banketta fuq riferita fiż-żmien li jiġi lilu stabilit minn dina l-Qorti, u (4), fin-nuqqas, ikun kundannat iħallas il-valur tagħha skond stima. Bl-ispejjeż kontra l-konvenut.

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet tal-konvenut li biha eċċepixxa illi l-allegazzjonijiet ta' l-attur kif kontenuti fiċ-ċitazzjoni huma kollha foloz billi hu kien inkariga ġuvni jaqta' bil-għaqal u skond is-sengħa l-frigħi tas-siġra tat-tin imsemmija, li kienu daħlu fuq il-bitħa tiegħu — ħaġa li hu kellu kull dritt li jagħmel skond il-liġi; illi l-ġuvni msemmi ma għamel ebda dannu; ma asporta ebda banketta ta' l-attur, u lanqas ma daħal b'ebda mod fil-fond ta' l-attur u illi l-attur kien ġa għamel rapport lill-Pulizzija fuq dak li allega fiċ-ċitazzjoni; pero ma waqqfux.

Rat is-sentenza tal-Qorti fuq imsemmija li biha ġiet respinta l-ewwel domanda ta' l-attur relativa għad-deklaratorja tar-responsabbilita tal-konvenut għall-asportazzjoni tal-banketta ndikata fl-att ta' ċitazzjoni u ġiet respinta t-tielet u r-raba domanda, bl-ispejjeż kontra l-attur, u ġiet milqugħa l-ewwel domanda relativa għad-deklaratorja tar-responsabilita għal ħsara kaġjonata fis-siġra tat-tin, u ġiet milqugħa it-tieni domanda, billi l-konvenut ġie kundannat iħallas lill-attur ,in linea ta' danni, is-somma ta' ħames xelini, bl-ispejjeż li kienu jiġu taxxati kieku l-kawża ġiet intentata quddiem il-Qorti ta' kompetenza limitata għal-konvenut u in kwantu għall-eċċess kontra l-attur, — wara li dik il-Qorti kkunsidrat:

Illi l-attur jippretendi li l-konvenut, permezz ta' tifel minnu mqabbad u li daħal fil-fond tiegħu, ad insaputa tiegħu,

qaċċatlu parti rilevanti mis-siġra tat-tin, u li fi-istess ħin li t-tifel kien jinsab fil-fond ġiet lilu asportata banketta u għal-hekk qiegħed jitlob li l-konvenut jiġi dikjarat responsabbli tal-ħsara kaġonata f'dik is-siġra u tal-asportazzjoni tal-banketta, u kwindi kundannat iħallas lilu is-somma ta' flus, in linja ta' danni, u li l-konvenut ikun ukoll kundannat jirrestitwilu l-banketta, u, fin-nuqqas, li jħallsu l-valur tagħha. Il-konvenut jirikonoxxi li nkariga ġuvni biex jaqta' bil-għaqal u skond is-sengħa l-friegħi tas-siġra tat-tin li kienu daħlu għal fuq il-bitħa tiegħu, *imma jallega li dan il-ġuvni* ma għamel ebda dannu fis-siġra; ma asporta ebda bankett ta' l-attur, u lanqas ma daħal b'xi mod fil-fond ta' l-istess l-attur.

Illi mill-provi jirriżulta li verament il-konvenut, permezz ta' Antonio Grech, ta' xi erbatax il-sena, qata' tmien frigħaj tal-ħxuna li tvarja minn pulzier sa kwart ta' pulzier, u kis-ser fergħa oħra, mis-siġra tat-tin li jsemmi l-attur fiċ-ċitaz-*zjoni, għaliex, kif jallega, dawn il-frigħaj* kienu jixterdu fuq il-bitħa tal-fond tiegħu u l-ġrieden kienu jitilgħu ma' dawn il-frigħaj u jidħlu għandu, imma ma jirriżultax li l-frigħaj ġew imqaċċta, li s-siġra tat-tin ġiet danneġġjata irrimedjabilment, u li Antonio Grech biex jaqta' l-frigħaj daħal fil-fond ta' l-attur. Antonio Grech jassigura li l-frigħaj qatagħhom billi sserrahom minn fuq ċint tal-ħajt divisorju fejn il-fondi tal-kontendenti, u li hu ma niżilx u ma daħalx, fil-fond ta' l-attur. Il-konvenut jgħid li kien presenti meta Grech isserra l-frigħaj, u li Grech il-frigħaj isserrahom minn fuq il-bejt tiegħu, u li Grech ma niżelx fil-bitħa tal-fond tal-attur. L-espert agronomu xehed li hu ċert li l-frigħaj inqatgħu b'serrieq minn fuq il-ħajt wara li nġibdu 'l ġewwa u ġew stirati u mill-aċċess adoperat mill-Qorti ġie konstatat li l-qtugħ sata' sar bil-mod kif imfisser minn Antonio Grech. Iz-zokk tas-siġra mhux imbiegħed mill-ħajt divisorju erba' piedi u nofs jew ħames piedi bħal ma xehed l-attur; imma, kif jgħid l-espert,

tlett piedi u sitt pulzieri, jew l-aktar, kif ġie konstatat fl-imsemmi aċċess, tlett piedi u għaxar pulzieri. Kwindi il-frigħaj setgħu faċilment jinġibdu fuq il-ħajt mingħajr ma wieħed jinżel fil-fond — fil-bitħa ta' l-attur. Skond ma rrelata l-istess espert, il-ħsara kaġonata bil-qtugħ tal-frigħaj tilħaq ħames xelini. L-espert ġudizzjarju fisser ampjament il-konklużjonijiet tiegħu; liema konklużżjonijiet, speċjalment in segwitu għall-aċċess, il-Qorti jidhrilha li għandha taqbel magħhom.

Illi ma jirriżultax li Antonio Grech niżel fil-bitħa tal-fond ta' l-attur, u kwindi ma jidħerx li f'dik l-okkażjoni hu sata' asporta mill-bitħa l-banketta li jsemmi l-attur. Antonio Grech jiċħad li asporta xi banketta ta' l-attur. Il-konvenut jafferma li ma rax lil Antonio Grech jasporta, jew li hu asporta, xi banketta ta' l-attur. Del resto, l-attur xehed li l-banketta ħaditielu lura s-serva ta' sid il-fond li qiegħed faċċata tal-fond tiegħu, u kwindi sgur li ma hemmx lok għar-restituzzjoni tal-banketta kif qed jitlob l-attur.

Illi huwa evidenti li din il-kawża, rigward id-danni fissiġra, setgħet saret quddiem il-Qorti ta' kompetenza limitata.

Rat in-nota ta' l-appell tal-attur u l-petizzjoni tiegħu għar-riforma ta' l-imsemmija sentenza billi tiġi revokata fejn akkollat lilu parti mill-ispejjeż tat-tieni u ta' l-ewwel domanda bil-mod indikat fl-istess sentenza, billi inveċe jiġi deċiż li dawn jiġu sopportati fl-interezza tagħhom mil-konvenut skond tassazzjoni li ssir fil-kawża ta' kompetenza superjuri, u tiġi konfermata fil-kumplament, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenut appellat.

Rat ir-risposta tal-konvenut li ssottometta illi s-sentenza appellata hi ġusta u timmerita konferma, bl-ispejjeż.

**Rat l-atti kollha tal-kawża.**

**Semgħet lid-difensuri tal-kontendenti.**

**Ikkunsidrat:**

**Illi dan l-appell hu limitat għal kap ta' l-ispejjeż relativi għall-ewwel domanda in kwantu dina tirrigwarda d-dikjarazzjoni li l-konvenut hu responsabbli għal ħsara li ġiet kaġonata fis-siġra fuq** ***imsemmija, u għat-tieni domanda*** **għal-kundanna tal-konvenut għall-ħlas ta' dawk id-danni. L-attur appellant jippretendi illi peress li t-talba għad-danni ġiet minnu formulata b'mod indeterminat u peress li valur indeterminat hu dejjem barra mil-kompetenza ta' Qorti ta' ġurisdizzjoni limitata, ġa la darba t-talba tiegħu għad-dikjarazzjoni tar-responsabbilita tal-konvenut għal ħsara fl-imsemmija siġra ġiet deċiża favur tiegħu, ma kienx hemm lok għat-temperament *li l-ewwel Qorti* għamlet in rigward ta' l-ispejjeż, indipendentement mir-riżultanzi dwar il-valur effettiv ta' dik il-ħsara.

L-appellant iċċensura wkoll is-sentenza ta' l-ewwel Qorti għaliex, fil-fehma tiegħu, dik il-Qorti ma setgħatx tordna lir-Reġistratur biex fit-tassazzjoni tal-kawża ta' kompetenza superjuri l-istess Reġistratur jadotta l-kriterju għat-tassazzjoni ta' kawża inferjuri.

Ikkunsidrat:

Illi hu veru li l-valur ta' l-oġġett fil-kawża hu determinat mit-talba u li l-valur inċert, jew indeterminat, jitqies dejjem li jaqbeż il-kompetenza tal-Qorti ta' ġurisdizzjoni limitata, u hu veru wkoll li fl-att ta' ċitazzjoni ġiet mitluba somma ndeterminata bit-talba li tiġi stabbilita mill-Qorti għall-ammont tagħha. *Però, fiċ-ċirkostanzi tal-każ partikulari, ma*

jistax jiġi negat illi kieku l-pretensjoni ta' l-attur ġiet miżmuma fil-limiti ġusti, il-kawża kienet tkun ta' kompetenza tal-Qorti ta' ġurisdizzjoni limitata u l-ispejjeż tagħha kienu jkunu wisq anqas. Konsiderat il-valur wisq ħafif — ħames xelini — tad-dannu kif ġie stabbilit bis-sentenza appellata, mhux presumibbli li l-attur ma kienx jaf, jew almenu, hu seta' ikun jaf, li l-valur ta' dak id-dannu ma seta' qatt jaqbes il-kompetenza tal-Qorti ta' ġurisdizzjoni limitata, u allura — dejjem fiċ-ċirkostanzi tal-każ partikolari — m'għandux jitqies li kien leċitu għall-attur li bi skuża ta' valur indeterminat jagħmel il-kawża quddiem Qorti ta' ġurisdizzjoni illimitata bi ħsara tal-konvenut riferibilment għall-ispejjeż, u kwindi, għamlet sewwa l-ewwel Qorti meta ordnat illi missomma ta' dawn l-ispejjeż kaġonati bl-imsemmi aġir tal-attur, il-konvenut iħallas biss dik il-parti li tikkorrispondi għall-ispiża li kien isoffri kieku l-kawża saret, kif kien imissa saret, quddiem il-Qorti ta' ġurisdizzjoni limitata, u l-eċċess ibatih l-attur.

Illi lanqas ma hi meritata ċ-ċensura li l-attur appellant għamel lis-sentenza denunċjata fis-sens li biha ġie ordnat lir-Reġistratur li fit-trattazzjoni tal-kawża jaddotta kriterji ta' tassazzjoni tal-kawżi quddiem Qorti ta' ġurisdizzjoni limitata, għaliex minn dana kollu fis-sentenza appellata ma hemm xejn, billi skond dik is-sentenza it-tassazzjoni isir kif normalment għandha ssir skond il-liġi, iżda, fir-rapporti nterni bejn l-attur u l-konvenut dana jħallas biss mill-ispejjeż hekk taxxati, dik il-parti li tkun tikkorrispondi għassomma ta' l-ispejjeż li kienu jiġu kaġjonati kieku l-kawża ġiet introdotta quddiem il-Qorti ta' Ġurisdizzjoni limitata.

Għaldaqstant:—

Tirrispinġi l-appell u tikkonferma s-sentenza denunċja-

ta fil-kap li ġie lilha devolut b'dan l-appell, bl-ispejjeż kontra l-attur appellant.